**QORTI CIVILI – PRIM'AWLA**

**IMHALLEF:**

**ONOR. DR. GINO CAMILLERI, LL.D.**

**SEDUTA TAT-12 TA' LULJU, 2001**

Kawza Numru 50

Citazzjoni Numru 914/01 GC

Fl-ismijiet:-

Forestals (Appliances) Limited

vs

Dambal Caterers Company Limited

Il-Qorti;

Rat ic-citazzjoni li biha s-socjeta' attrici wara li ppremettiet:-

Illi s-socjeta' konvenuta tinsab debitrici tas-socjeta' Forestal (Appliances) Limited fis-somma ta' hdax-il elf, sitt mija u disgha u tmenin lira Maltin u ghaxar centezmi (Lm11,689.10) rapprezentanti l-bilanc ta' prezz ta' merkanzija lilha mibjugha u kkonsenjata mill-istess socjeta' attrici;

Illi nonostante interpellata diversi drabi, sabiex thallas dan l-ammont, is-socjeta' konvenuta baqghet inadempjenti minghajr ebda raguni valida fil-ligi;

Illi jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-ligi, a tenur ta' l-Artikoli 167 u 170 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) billi l-kreditu tas-socjeta' attrici huwa cert, likwidu u dovut u s-socjeta' attrici pprezentat dikjarazzjoni illi biha Dr. Tanya Sammut in rapprezentanza ta' l-istess socjeta' ikkonfermat taht gurament illi s-socjeta' konvenuta ma ghandha l-ebda raguni jew eccezzjoni valida kontra t-talba tas-socjeta' attrici ghall-hals tas-somma dovuta.

Talbet lis-socjeta' konvenuta tghid ghaliex ma ghandhiex dina l-Onorabbi Qorti ghar-ragunijiet premessi u b'dispensa tas-smiegh tal-kawza a tenur ta' l-Artikoli 167 u 170 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12):-

1. tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hdax-il elf sitt mija u disgha u tmenin lira Maltin u ghaxar centezmi (Lm11,689.10) rapprezentanti l-bilanc ta' prezz ta' merkanzija lilha mibjugha u kkonsenjata mis-socjeta' Forestals (Appliances) Limited.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-18 ta' April 2001 u tal-Mandati Kawtelatorji ta' Qbid Nru. 1469/01NB u ta' Sekwestru

Nru. 1471/01 u bl-imghaxijiet legali b'effett mid-data tan-notifika ta' l-imsemmija ittra ufficjali u cioe' mill-21 ta' April 2001 sal-pagament effettiv, kontra s-socjeta' konvenuta illi giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat l-affidavit tas-socjeta attrici u id-dokumenti l-ohra;

Rat in-nota tas-socjeta attrici tallum stess li biha irriduciet is-sorte ghall-Lm8,937.49 stante illi is-socjeta konvenuta halset is-somma ta' Lm3000 waqt il-mori tal-kawza;

Rat li is-socjeta konvenuta debitament notifikata fiz-zmien preskritt mill-ligi baqghet kontumaci u fis-seduta tallum imsejha tlett darbiet lanqas ma deheret;

Peress li fic-cirkostanzi it-talba fic-citazzjonikif ridotta kif ridotta tidher gustifikata u jidher wkoll li hemm lok li is-sentenza tinghata illum stess, bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza, skond il-procedura tal-artikolu l67 et sequitur tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Tiddeciedi billi tilqa it-talba tas-socjeta attrici kif ridotta, bl-imghaxijiet legali kif mitluba u bl-ispejjes kontra is-socjeta konvenuta.

Imhallef

Dep. Registratur